MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Talba Numru. 817/2005

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Azzopardi Enterprises Limited u l-istess Azzopardi Enteprises Limited**

**Vs**

**Emanuel Peresso**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm155.95c) rapprezentanti danni li sofrew l-atturi, meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru EPK 100 fis-16 t'April, 2003 gewwa Triq l-Europa, Ghawdex habat mal-vettura numru KAK 485 proprjeta' ta' Azzopardi Enterprises Limited u misjuqa minn Elchem Koenig u kkaguna danni f'din l-istess vettura.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa:

i. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti ghax skond l-Att XXIX tal-1997 galadarba xi tratta ta' danni, dawn ghandhom jigu riferuti ghall-arbitragg skond it-taqsima (iv) ta' l-Att tal-1996 dwar l-Arbitragg sabiex din tigi deciza skond il-ligi ta' Malta minn arbitru uniku li jinhatar mic-Chairman tac-Centru dwar l-Arbitraggi ta' Malta u dan a tenur l-Att XXIX tal-1997 u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

ii. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-konvenut gie notifikat wara li ghaddew is-sentejn minn tali incident.

iii. Illi bla pregudizzju ghall-premess, il-konvenut mhux responsabbli ghall-hsarat in kwistjoni stante illi l-incident awtomobilistiku gara tort ta' l-attur Elchem Koenig

iv. Illi l-konvenut m'huwa qatt responsabbli gahll-hsarat subiti stante li l-karozza kienet *on leasing* fuq koperta ta' assigurazzjoni *comprehensive* bi ftehim milhuq bejnu u bejn Ray's Car Hire Limited tat-30 ta' Settembru, 2000 u ghalhekk se mai ghandu jigi kjamat in kawza l-istess garage.

Ra d-dokumenti esebiti.
Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-10 t'April, 2006, meta gew pprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm155.95c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------